**PRIMARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **YEAR 6** | **SOCIAL STUDIES** | **TIME: 1 Hour** |
|---|---|---|

Name: ________________________________ Class: ________________

## A. Aqta` sing taħt il-kelma t-tajba (10 marki)

1. L-edukazzjoni tagħna tibda mill-(ħbieb, iskola, knisja, familja).
2. Għandna naħdmu biex inġibu l-(ġlied, għaqda, pika, għira).
3. Wieħed mill-kontinenti jismu (Spanja, Sardenja, Awstralja).
4. Hemm (sitt, ħames, erba`, disa`) kontinenti.
5. L-Uffiċċju Meteoroloġiku jinsab f`(Ħ`Attard, Ħad-Dingli, Ħal-Luqa, Ħaż-Żebbuġ).
6. Il-bidwi jkabbar (patata, ħut, ħadid, xewk) fl-għelieqi tiegħu.
7. Jien naqdi d-dmirijiet tiegħi billi (nirrispondi, ngħajjar, nirrispetta, mdejjaq) lill-ġenituri tiegħi.
8. In-nanna toqgħod ftit 'il bogħod mid-dar tiegħi. Immur għandha bil-(ħelikopter, karozza, ajruplan, vapur).
9. L-ewwel nies li ġew Malta ġew minn (Ċipru, Franza, Spanja, Sqallija).
10. Raħal żgħir f`Malta huwa (Marsaxlokk, Ix-Xlendi, Tas-Sliema, Victoria).

## B. Imla l-vojt bil-kliem mogħti: (5 marki)

| art | poplu | fabbrika | Mġarr | passiġġieri |
|---|---|---|---|---|

1. Ħaddiema jaħdmu oġġetti li għandna bżonn fil- _________________.
2. Nies li jivvjaġġaw u jużaw xi mezz ta` trasport jissejħu ____________________
3. Inħawi agrikoli f`Malta u Għawdex huma: Wied il-Pwales, Wied il-Lunzjata, Burmarrad u ________________________
4. Kontinent huwa biċċa ________________ kbira ħafna.
5. Il-membri tal-parlament huma r-rappreżentanti tal- _____________________.

## Ċ. Aqta` l-kelma li ma taqbilx. (5 marki)

1. **Għar Dalam :** iljunfanti, ċriev, baqar, orsijiet.
2. **L-Assedju l-Kbir :** Kavallieri, Ċiniżi, Torok, Insara.
3. **Temp :** blat, bard, sħana, xita.
4. **Blat :** franka, żonqor, tafli, baħar.
5. **Gżejjer :** Korsika, Franza, Malta, Sqallija.

**D. Aqta` sinjal taħt it-TNEJN li jaqblu.** (10 marki)

1. Żewġ reliġjonijiet oħra barra dik Kattolika Rumana huma : l-Islam, il-politika, id-demokrazija, Il-Buddiżmu, id-duttrina.

2. Nuru rispett lejn l-anzjani meta : nħobbuhom, nżuruhom, ngħajruhom, ngħaġġluhom, ninkwitawhom.

3. It-twemmin reliġjuż jgħallem lis-soċjeta` valuri ċiviċi bħal : vandaliżmu, naħsbu fl-oħrajn, ġlied, għira, ġustizzja.

4. Inkunu tolleranti ma' nies li jemmnu f`reliġjonijiet oħra meta : nirrispettawhom, ngħajruhom, nwarrbuhom, naċċettawhom.

5. Aħna nuru t-twemmin reliġjuż tagħna meta : (nitolbu, ngħumu, niġru, nifirħu, nitbandlu) flimkien.

**E. Min jien jew min aħna :**

1. Aħna gżejjer ħdejn xulxin fil-Baħar Mediterran. Aħna nagħmlu parti minn Spanja. Fis-sajf iżuruna ħafna turisti. Flimkien isejħulna l-gżejjer =__________________

2. Fija hemm tempji pre-istoriċi. Jien għandi l-George Cross fuq il-bandiera = ___________________

3. Jiena l-akbar gżira fil-Baħar Mediterran. Jien qiegħda ħdejn Malta. Fuqi ssib vulkan attiv ħafna = __________________________

4. Jiena passaġġ dejjaq bejn Spanja u l-Marokk. Il-vapuri jgħaddu minni biex jidħlu mill-Oċean Atlantiku għall- Mediterran = ________________________

5. Jien tal-ħġieġ. Fija hemm il-merkurju. Dan jitla` u jinżel skond kemm tkun sħana jew kesħa = _____________________

(5 marki)

**F. Aqra sew u wieġeb.**

1. Din is-sena fil-klassi tiegħek ġew żewġt itfal ġodda. Dawn huma żewġ refuġjati, tifel u tifla mis-Somalja. Ikteb paragrafu ta` ħames sentenzi biex turi kif tista` tkun aktar ħabib ta` dawn it-tfal.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

2. Fil-familja ta` Ġużi, il-ġenituri jippruvaw iżommu l-għaqda fil-familja. Kieku kont wieħed mill-membri ta` din il-familja, kif kont tgħin biex iżżomm din l-għaqda ?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

(10 marki)

**Ġ Ħares sew lejn l-istampa.**



1. Semmi żewġ affarijiet mill-istampa li juru li huwa żmien antik.

______________________ ______________________

2. Dawn in-nies kienu jgħixu fi żmien (modern, ir-Rumani, Pre-istoriku, il-Franċiżi).

3. Dawn in-nies bnew (il-Kattidral, Ħaġar Qim, il-Palazz Verdala, l-Belt Valletta).

4. Kieku kont tifel jew tifla tgħix f`dak iż-żmien, il-ħajja kienet tkun aktar sabiħa? Għaliex ?

______________________________________________

______________________________________________

5. Il-ħajja f`dak iż-żmien kienet tkun aktar diffiċli għax ________________

______________________________________________

(10 marki)

**G 1.**



**IS-SAFFI TAL-BLAT F'MALTA**

Ħares sew lejn l-istampa li turi s-saffi tal-blat Malti kif qegħdin taħt xulxin. **Fil-vojt, ikteb l-isem ta` kull saff f`postu fl-istampa.**
Dawn huma l-ismijiet tas-saffi : ġebla safra, żonqor, tafli, qawwi ta` fuq, franka.

**2. Imla l-vojt bil-kelma li toqgħod.**

a) Il-franka hija importanti għax ________________ biha.

b) L-ilma tax-xita jinġabar fuq is-saff ________________.

c) ____________ u r-ramel isiru miż-żonqor.

d) Il-______________ isir mill-blat tal-qawwi.

e) Mit-tafal isir il- _________________.

(5 + 5=10marki)

**Għ. Aqra din is-silta u imla l-vojt bil-kliem li joqogħdu.**



**WAQT L-ASSEDJU L-KBIR**

La Vallette kien il-___________________ ta` l-Ordni ta` San Ġwann matul l-____________________. Huwa ħeles ħafna mill-priġunieri biex dawn ikunu jistgħu jgħinu lill-_____________________ fl-Assedju. Is-Sultan Tork _________________ poġġa l-flotta _______________ f`idejn Piali Paxa`. It-truppi Torok kienu taħt il-ġeneral _________________. Il-furban Tork _________________ miet waqt l-attakk fuq Sant Iermu. Madwar elf u ħames mitt nisrani u xi tmint elef Tork mietu matul il-ġlied fuq din il-__________________ . Aħna niċċelebraw ir-rebħa tal-Kavallieri fuq it-Torok fil-festa tal-_________________. Wara l-Assedju l-Kbir il-Birgu beda jissejjaħ __________________ jiġifieri Belt Rebbieħa. (10 marki)

## H. IL-BAĦAR MEDITERRAN



Immaġina li inti għandek iċ-ċans li tmur dawra bil-vapur fil-Mediterran. Il-vapur se jitlaq minn Malta. Il-kaptan staqsiek int fejn tixtieq li tmur. Agħżel **żewġ gżejjer** fil-Mediterran u **tliet pajjiżi** li jmissu mal-Mediterran.

1. i) Niżżel **l-isem ta' żewġ gżejjer** fil-Mediterran f`dan il-vojt :

**a** ☐ **b** ☐

ii) Ikteb l-ittra **a** u l-ittra **b** fuq il-mappa biex turi fejn qegħdin dawn il-gżejjer fil-mappa.

2. i) Niżżel l-isem ta' tliet pajjiżi li jmissu mal-Mediterran:

**1** ☐ **2** ☐ **3** ☐

ii) Ikteb in-numri fuq il-mappa biex turi fejn qegħdin dawn il-pajjiżi:

(10 marki)

**Ħ. Agħżel waħda minn dawn u ikteb għaxar (10) sentenzi fuqha.**

1 Immaġina li inti gwida li qed tmexxi grupp turisti madwar il-Belt Valletta. **Ikteb dwar xi bini STORIKU** li jkun ta' interess ghal dawn it-turisti.



**JEW**

2 Inti mort iżżur il-bini fejn jiltaqa' l-Parlament **Ikteb dwar x'inhu Parlament u kif il-Parlament Malti qed jgħin lilna bħala ċittadini ta' Malta u Għawdex**



**JEW**

3. Il-karozzi għandhom ħafna vantaġġi għalina imma fl-istess ħin jista' jkollhom xi żvantaġġi wkoll. Ikteb dwar xi vantaġġi u xi żvantaġġi.



**JEW**

4. Immaġina li inti bidwi u trid tagħżel bejn trabbi l-bhejjem jew taħdem ir-raba'. Għid x'kont tagħżel u kif tista' tagħmel dan.



(15-il marka)